# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 25 ta’ Jannar , 2002.**

**Numru**

**Avviz numru 1277/99 PS**

**Vincent Brincat ezercittenti taht l-isem “Infocus Promotions”.**

**vs**

**Domestica Limited**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI : L-AVVIZ PROMOTORJU**

1. B’avviz debitament ipprezentat, l-attur talab li s-socjeta’ konvenuta tigi kundannata thallas is-somma ta’ mija u tletin lira Maltin (Lm130.00) ammont dovut u rapprezentanti bilanc minn somma akbar rigwardanti inkarigu ghal “advertising” fl-Eden Century Film Centre u servizzi ohra relattivi, fuq istruzzjonijiet ta’ l-istess socjeta’ konvenuta. Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ ittra tat-3 ta’ Novembru 1998 u tal-mandat

ta' sekwestru numru 633/99, oltre l-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta.

**L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA' KONVENUTA**

2. Is-socjeta' attrici fir-risposta taghha eccepiet li :-

(a) Illi l-azzjoni ta' l-attur noe hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili ; u

(b) Illi l-attur noe m'ghamilx ix-xoghol illi ghalih huwa qieghed jippretendi hlas.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza taghha tat-12 ta' Frar 2001, fir-rigward **il-mertu biss**, it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar iddecidiet u ddikjarat ruhha ghal dawn il-motivi : "it-Tribunal jiddeciedi billi jiddikjara ruhu ; inkompetenti "ratione valoris milli jiehu konjizzjoni tal-mertu tat-talba attricib illi l-ezercizzju involut jezorbita mill-gurisdizzjoni tieghu."

Fic-cirkostanzi specjali tal-kaz **ikun gust u ekwu** li l-ispejjez kollha ta' din l-istanza, komprizi dawk in konnessjoni mac-citata decizjoni li parte tad-9 t'Ottubru 2000, jibqhu minghajr taxxa.

**L-APPELL TAL-ATTUR**

L-attur nomine hass ruhu aggravat bic-citata sentenza u interpona appell fuq l-aggravju li b'mod gravi kontra **d-dettami ta' l-imparzjalita' u ta' l-ekwita' skond il-ligi**, kif ukoll it-Tribunal ghamel applikazzjoni tal-ligi biex b'hekk l-esponent gie ippregudikat mid-drittijiet tieghu.

Illi skond l-appellant mill-fatti jirrizulta s-segwenti :-

(a) L-esponent ghamel talba ghall-hlas tas-somma ta' Lm130.00, mija u tletin lira Maltin.

(b) Illi din it-talba kienet ghax-xoghol ta' advertising tal-Eden Century kif ukoll servizzi ohra relatati fuq struzzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta.

(c) Illi gew ipprezentati dokumenti li juri li dan l-ammont hu dovut.

(d) Illi anki l-aspett tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet sorvelata favur l-esponent appellant.

Illi l-provi mis-suespost juri b'mod car applikazzjoni hazina sia tal-ligi u tal-fatti b'tali mod li ma jistax ikun hemm inkompetenza **"ratione**

**valoris"**. Kieku kien il-kaz, kienet issir il-kawza quddiem Tribunal/Qorti b'gurisdizzjoni differenti. Illi apparti mis-suespost, id-dokumenti juru valur inqas minn Lm250 mitejn u hamsin lira u li l-pretensjoni ghall-hlas hija gusta li saret fit-Tribunal odjern.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, l-appellant noe talab illi dina l-Qorti filwaqt li qed tigi mitluba tikkonferma dik il-parti fejn it-talba ghall-hlas ma kienitx preskritta, thassar u tirrevoka s-sentenza taghha tat-12 ta' Frar 2001 u taqta' hija stess it-talba originali jew jekk jidhrlha hi tirrimetti l-atti tal-kawza sabiex tigi deciza, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' konvenuta appellata.

**IR-RISPOSTA TA' DOMESTICA LTD GHALL-APPELL TA' VINCENT BRINCAT**

5. Is-socjeta' konvenuta appellata wiegbet hekk :-

(i) Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

(ii) Illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma huwiex kompetenti, rationae valoris, sabiex jisma' l-kaz de quo .

(iii) Illi sabiex it-Tribunal ghal Talbiet Zghar jasal ghall-konkluzjoni jekk il-bilanc pretiz mill-attur huwiex dovut jew le kien jehtieglu li jinvesti

materja li tmur oltre l-kompetenza tieghu billi kien ikun necessarju li jindaga x'negozju sar bejn il-kontendenti, x'pagamenti saru etc.

(iv) "Il-kompetenza ma tiddependix bilfors u unikament mit-talba ta' l-attur imma tista' tiddependi wkoll, fejn ikun il-kaz, mill-eccezzjoni tal-konvenut ……… Jista' jigri infatti – kif ovvjament gara fil-kaz taht ezami – illi ghalkemm l-azzjoni inizjalment kienet ta' kompetenza tal-Qorti Inferjuri ……….. Din tigi ezawtorata *ope exceptionis* ……… billi l-Qorti tigi necessarjament mitluba bhala konsegwenza ta' l-eccezzjonijiet moghtija u bhala parti mill-process biex tiggudika t-talba quddiemha billi tikkonsidra u tiddeciedi obbligazzjonijiet bejn il-kontendenti li jeccedu l-kompetenza taghha" ……. (Qorti ta' l-Appell – Sede Inferjuri – 31.07.1996 – Anthony Zammit vs Joseph Ellul nomine).

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

6. L-attur qieghed jintavola appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata kif moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar in kwantu dan iddecieda li hu inkompetenti ratione materiae li jibqa' jiehu konjizzjoni tal-kawza.

7. Illi din il-Qorti tibda billi tosserva li ghalkemm fil-bidu ta' l-aggravju ta' l-appellant hemm riferenza wkoll ghal ksur "b'mod gravi kontra d-dettami ta' l-imparzjalita' u ta' l-ekwita' skond il-ligi", fil-fatt il-pern ta' l-

aggravju m'huwiex fuq dan, imma fuq il-parti sussegwenti, u cioe' fejn jinghad, "kif ukoll it-Tribunal ghamel applikazzjoni (hazina) tal-ligi biex b'hekk l-esponent gie ppregudikat mid-drittijiet tieghu.

8. Skond l-attur appellant, it-Tribunal applika l-ligi vigenti malament meta ddikjara ruhu mhux kompetenti ratione valoris. Dan, huwa jsostni, peress li t-talba tieghu kif dedotta fl-avviz promotorju kienet biss ghall-hlas ta' Lm130.00 u kwindi, bhala tali, kienet taqa' kompletament fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

9. Din il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet kemm bil-miktub kif ukoll bil-fomm li saruha mill-partijiet. Din il-Qorti tosserva li huwa minnu li ghal-finijiet ta' kompetenza il-valur ta' l-oggett fil-kawza jigi determinat mit-talba attrici specjalment meta t-talba hija ghal hlas ta' somma determinata – ara wkoll l-art 748 tal-Kap 12. Dan ma jfissirx pero' li l-Qorti li inizjalment tkun kompetenti (fil-kaz in ezami t-Tribunal) li tiehu konjizzjoni tal-mertu, ma tistax ma tibqax hekk kompetenti jekk bhala rizultat ta' l-eccezzjonijiet moghtija dik il-Qorti, jew Tribunal, tkun giet imsejha tiehu kont u konjizzjoni ta', u tiddeciedi, materji jew somom ta' flus li jkunu jeccedu u jmorru 'l hinn mill-kompetenza taghha ; materji li jkunu jmorru 'l hinn mill-kompetenza taghha bhala fil-rekwizit essenzjali biex tiddeciedi l-meritu quddiemha. Minbarra l-kazi riportati fis-sentenza appellata, din il-Qorti ticcita b'awtorita' s-sentenza awtorevoli ta' din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet "Anthony

Zammit vs Joseph Ellul noe" deciza fil-31 ta' Lulju 1996 proprju fuq l-istess punt sollevat mill-appellant.

10. Illi l-premess huwa hekk ghar-raguni illi "l-kompetenza ma tiddependix bilfors u unikament mit-talba ta' l-attur imma tista' tiddependi wkoll fejn ikun il-kaz mill-eccezzjoni tal-konvenut." (Hekk ara Vol XXXVIC-ii-254). Ghalhekk ukoll jista' jigri, kif gara f'dan il-kaz in ezami, li ghalkemm l-azzjoni inizjalment kienet ta' kompetenza tal-Qorti Inferjuri, din tigi in segwitu ezawtorata "ope exceptionis" bin-natura stess tal-eccezzjoni li tkun tinvolvi stharrig ta' vertenza li allura tkun tmur 'l hinn mill-kompetenza tat-Tribunal. F'kazijiet bhal dawn, il-kompetenza hija finalment determinata mill-indoli ta' l-obbligazzjonijiet in relazzjoni ma' l-obbligat, li fil-kaz prezenti ma jistghux jittiehdu limitatament ghall-bilanc mitlub bhala sorte imma hemm miftuha l-kwistjoni kollha dwar ix-xoghol u pagamenti kollha li saru bejn il-kontendenti. Kien ukoll ghalhekk li, gustament, it-Tribunal halla l-ispejjez gudizzjarji bla taxxa ghaliex ma kienx ikun sewwa li dawn ikunu sopportati biss mill-appellant attur wahdu.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata dwar nuqqas ta' gurisdizzjoni <u>ratione valoris</u>, tichad l-appell ta' l-attur, bl-ispejjez ta'

dan l-appell a kariku tieghu u b'dawk ta' l-ewwel grad jibqghu kif deciz mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

Dep/Reg

mg